# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 76, miżmuma nhar 13 ta' Frar 2017, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fit-tmienja neqsin ħamsa ta' filgħaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Anton Mifsud | Mtarfa LC | President |
| • Maria F Deguara | Naxxar LC | Viċi-President |
| • Emvin Bartolo | Mellieħa LC | Membru |
| • Sando Azzopardi | Dingli LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Giljan Aquilina | Għargħur LC | Membru |
| • Dean Hili - | Pembroke LC | Membru |
| • Mary Anne Abela | Swieqi LC | Membru Sostitut |

- Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Ivan Bartolo | Mosta LC | Membru |
| • Graziella Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Charles Azzopardi | Rabat LC | Membru |
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Member |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mill-President;
4. Korrispondenza;
5. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
6. Hwejjeġ oħra:
   a. Preżentażjoni tal-Financial Accounts
   b. **Tenders**
7. Aġġornament.

Il-Laqgħa nfetħet miċ-Chairman Anton Mifsud.

Il-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lil membri tal-attendenza.

### 1. Qar ta' Appologiji

Is-sinjuri Ivan Bartolo, Graziella Galea, Charles Azzopardi u Peter Sant Mnduca kienu skuzati.

### 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 75 miżmuma fid-9 ta' Jannar 2017, ittieħdu bħala moqrija. Emvin Bartolo ippropona li jkunu approvati. Issekonda Giljan Azzopardi. Il-minuti kienu approvati mill- membri kollha unanimanet.

### 3. Punti mqajma mill-Minuti

Is-Segretarju Esekutiv intalab jerġa jikteb lill-Ministru għal-minuti tal-laqgħat mizmuma miegħu.



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Sandro Azzopardi talab li d-dokumenti għandhom jintbagħtu qabel.
Il-President u l-membri qablu ma’ din it-talba, u talbu lis-segretarju esekutiv li fejn ikun possibli, dawn ghandhom jintbgħatu minn qabel.

Management Report. – Inqarat ir-risposta għall-management report, kienet diskussa u approvata.

Is-segretarju esekutiv, flimkien ma’ l-accountant preżentaw il-Financial Statement għas-sena 2016. Wara spjegazjoni u diskusjoni tar-rapport mal-membri, il-President Anton Mifsud propona li dan ir-rapport ikun approvat. Giljan Aquilina issekonda il-mozjoni. Sandro Azzopardi aztjena milli jivvota. Il-membri l-ohra kollha preżenti qablu mal-mozzjoni u approvaw ir-rapport.

**Street Light Maintenance Tender Cooperation Agreement**

Wara li-segretarju kien bgħat il-cooperation agreement, il-kunsilli tal-Mellieha, Had-Dingli u Pembroke kienu bagħtu numru ta’ osservazjonijiet. Saret diskusjoni fuq l-ispejjes, u l-ħlas tas-sistema mill-kunsilli lir-reġjun. F’dan ir-rigward, Is-segretarju Esekutiv spjega li ghalkemm it-tender qed tinħareg mir-Regjun, l-adminstrazjoni xorta ser tibqa issir mill-kunsill lokali, fejn dawn jieħdu ħsieb l-operat ta’ kuljum huma stess. Bħala ħlas tas-sistema eletronika – jew aħjar Street Light Management Programm, dan propona lill-membri li issir skond in-numru ta’ bozoz kif talbu numru ta’ Kunsill. Huwa prezenta kif din l-ispiza tkun fuq sena. Din ġiet diskussa mill-membri li qablu u talbu lis-segretarju esekutiv jibgħat lil kunsilli kollha din il-materja, fejn tkun preżentata lil Kunsilliera kollha. Ir-Regjun ikun qed iħallas għas-sistema u jitlob lil Kunsill iħallas lilu għas-servizz offrut.

Performance Bonus.

Il-Membri id-diskutow il-perfomance bonus tal-ħaddiema tar-reġjun kif ukoll tas-Segretarju Esekutiv u dawn qablu li għandu jingħata kollu kemm hu. Id-diskutew ukoll il-ħlas tal-performace bonus ta’ l-impjegati li kienu mar-Regjun u telqu qabel tmien is-sena, u qablu li dan ghandhom ukoll jiehdu 3% performace bonus.

Fir-Rigward tal-leave, huma qablu li l-impjegati għandhom jieħdu l-leave kollu kemm hu qabel ma tintemm is-sena u jkun estiss biss dak li hu permess bil-liġi. Talbu lis-segretarju biex jibda



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

jipprezenta rendikont tal-Leave fil-laqghat. Sandro Azzopardi u Dean Hili astjenew minn din il-votazjoni.

**Tender – Economic, Social and Cultural plan.**

Is-segretaju Esekutiv preżenta r-rapport tal-bord ta’ l-Għazla maħtur għall-ESC tender. Il-Membri qablu u accetaw dan ir-rapport.

Ħatra ta’ Bord ta’ Ingagg

Il-membri qablu li jaħtru Bord ta’ Ingagg għal-perjodu ta’ sena. Il-membri ser ikunu:

Chairman – Anton Mifsud

Segretarju – George Abdilla

Membri: Paul Vella, Emvin Bartolo, Dean Hili, Sandro Azzopardi

**Update V18**

Marcon Caruana, tat spjegazjoni lill-membri fuq x’qed jiġri bħal attivitajiet tal-V18. Semmiet ukoll li il-ħamis 16 ta’ Frar ser ikun hemm seminar imtella’ mill-V18 il-Belt. Ghalih, għandu jattendi is-segretaju Esekutiv.

## 3. Komunikazzjoni mill-President

Il-President Anton Mifsud irringrazzja l-isponsors li kienu għenu lir-Regjun sabiex tella’ il-festin tal-Mieled għal membri kollha.

## 4. Korrispondenza

Rigward ir-rapport ta’ Times of Malta fejn kienet ippublika estratt mir-rapport tal-NAO fejn qalet li ir-Reġjun Tramuntana ma kienx issottometta r-rapport finanzjarju, Is-segretarju kien kiteb risposta lil-editur tat-Times of Malta fejn spjega lir-Regjun kien issottometta r-rapport finanzjarju kif ukoll il-fatt li NAO kien fl-stess rapport tiegħu kwota figuri mir-rapport Finanzjarju provdut mir-reġjun. Dan kien juri bic-car li min kiteb ir-rapport ta’ l-NAO kien għamel zball.

60

## 5. Approvazzjoni tal-Pagament

Is-segretarju Eżekutiv preżenta l-skeda tal-pagament numru 76. Paul Vella ippropona, Giljan



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Aquilina issekonda li tkun approvata. Il-membri qablu li sked tkun approvata. Sandro Azzopardi astjena milli jivota minhabba li-l-skeda ma kienitx intbagħtet minn qabel.

**Affarijiet ohra**

**Euromed Membership**

Il-membri talbu lis-segretarju jġib iktar informazjoni mill-Euromed fir-rigward x’tinvolvi il-membership. Is-segretarju Esekutiv ser jikteb lis-segretarjat u jitlob għal-iktar informazjoni.

Is-Sibt 25 ta’ Frar, il-membri tar-Regjun, flimkien mal-membri kollha tal-Kunsilli, kumitat administrativi u s-segretarji esekutivi huma mistiedna għal-laqgħa dwar ir-Regjun mis-Segretarju Parlamentari. Din il-laqgħa qed tittella mill-l-ufficju tas-Segretaju Parlamentari u ser tinzamm fis-sala tal-Kunsill il-Mosta.

## Aġġornament.

Il-Laqgħa ntemmet fl-għaxra u nofs ta’ filgħaxija.

Il-Laqgħa li jmiss ser tkun fit-14 ta’ Marzu 2017, fi 19.30 hrs. .

| | |
|---|---|
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum ...14th March 2017



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt